



# Franġisku Saverju Sciortino

*1854 – 1958*

Michael Bonnici



**● Franġisku Saverju Sciortino twieled f'Ħaż-Żebbuġ fit-12 ta' Novembru 1875 minn Ġiuzeppi u Saverja (xebba Sant). Ħuh kien iċ-ċelebri artist Antonio Sciortino magħruf biżżejjed għall-isbaħ monumenti li għadna f'Malta u xejn anqas għall-kollezzjoni li ħallielna għat-tgawdija tal-poplu Malti fil-Mużew tal-Arti ġewwa l-Belt Valletta.**



*Franġisku Saverio Sciortino*

Iżda Franġisku Saverju ma kienx anqas minn ħuh għax-xogħol artistiku li ħalla warajh - għalkemm ftit huma dawk li jafu b'dan ix-xogħol kemm f'Malta u iżjed barra minn Malta.

Il-ħsieb tiegħi f'dan l-artiklu huwa sabiex il-poplu Malti u partikolarment dak Żebbuġi jkun jaf aktar mill-qrib il-ħila ta' talent li ħareġ minn dan ir-raħal.



*Għonnella – Il-Mara Maltija*

Mhux wisq fuq il-ħajja ta' erbgħa u tmenin sena li għex fuq din l-art iżda fuq il-wirt li għadna partikolarment f'dan ir-raħal.

Franġisku telaq minn Malta fis-sena 1897 għal Ruma, Milan u postijiet oħra fejn tgħallem l-arti u sitt snin wara (1903) irritorna Malta fejn beda jgħallem u joħrog it-talent tiegħu f'art twelidu.

Fis-sena 1902 Franġisku kien rebaħ l-ewwel premju bl-unuri għax xogħol tiegħu bl-isem 'il-matri ta' Sant'Iermu fl-okkażjoni tal-eżami finali tiegħu fl-*Accademia di Belle Arti* ġewwa Ruma. Xogħol verament sabiħ u mqanqal meta t-Torok rebħu minn idejn il-Maltin dan il-forti hekk maestuż fid-daħla tal-port il-Kbir. (Hija ħasra li meta ġiet inawgurata l-Qanpiena fuq is-sur viċin din il-fortizza tpoġġa suldat mindud biex ifakkar it-tiġrib tal-gwerrer li għaddiet minnhom Malta u l-Maltin, meta seta' jiġi adottat replika ta' dan il-kapolavur ta' Sciortino. Ngħid is-sewwa niskuża l-organizzaturi għaliex lanqas kienu biss jafu b'dan ix-xogħol ta' F.S. Sciortino.



*Il-Ventartal tal-Maġġur ta' San Filep Ħaż-Żebbuġ*

Fis-sena 1904 Sciortino ġie kummissjonat li jimmodifika l-faċċata tal-knisja tan-Nadur f'Għawdex li kienet novità kemm għal dak li huwa disinn kif ukoll għal mod strutturali li bħala perit adatta fejn ħaddieħor ma wasalx, biex jipprova xjenza ġdida dwar il-piż li kapaċi tiflaħ arkata.

Fis-sena 1905 huwa esegwixxa xogħol artistiku 'Ġustizzja' fuq il-kappella tal-familja Marquis Apap Testaferrata fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, b'xejn anqas għaqal u sengħa s-sinifika (**?**) fl-istess post il-monument 'talba waqt niket' (prayer in distress) fuq il-qabar tal-familja Navarro. (ara ritratti)

Ma jonqosx it-tinqix karatteristiku Malti ta' Franġisku Saverju Sciortino 'Il-Mara Maltija bl-għonnella' u l-Mara tipikament Għawdxija bil-maktur f'rasha.

Xogħol sabiħ ieħor huwa *'Weight of Dissolution'* fejn l-artist ifisser b'mod drammatiku t-toqol u l-pressjoni tal-ħsieb fit-tbatija tal-ħajja tqila li jkun għaddej minnha l-bniedem. Immaġinazzjoni imqanqla ta' artist li jipproduċi fl-arti permezz ta' skultura.

Sciortino kien emigra lejn Toronto fil-Kanada fis-sena 1914. Irritorna fis-sena 1939. F'dan il-perijodu huwa għamel l-iskultura kollha li naraw fil-knisja tan-Nadur f'Għawdex wara dak li kien għamel fuq il-faċċata madwar tletin sena qabel. Reġa' mar lura l-Kanada fl-1954 fejn miet u ndifen fis-sena 1958.

Huwa fatt li għadna r-ritratti ta' aktar minn mitejn xogħol tiegħu li wettaq kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Naħsbu li hemm ħafna aktar bla ma nafu fejn qegħdin.

Fl-aħħar nett insemmi biss ix-xogħlijiet tiegħu għal Ħaż-Żebbuġ:

1. L-erba' statwi tal-fidda li jintramaw fuq il-prima tal-artal maġġur.
2. L-erba' kwadretti mad-dawra tal-bradella ta' San Filep u xogħol ieħor kumplimentari.





*Uħud mix-xogħlijiet tal-artist Sciortino*



3. Id-disinn tal-ventartal tal-fidda li jintrama fil-festa titulari fl-artal maġġur.
4. Iż-żewġ appostli tal-fidda li jintramaw fuq il-gradenzini fejn l-artal maġġur.

Hemm bosta xogħlijiet ta' F.S. Sciortino, iżda dawn qiegħed inħallihom għall-ftuħ ta' wirja dwar l-istess artist mill-Każin Banda San Filep fl-istess Kazin fix-xahar ta' Novembru 2015 fl-okkażjoni tal-140 sena mit-twelid tiegħu.

The Meat Shop
Fresh & Top Quality Meat & Poultry Daily
Keith Farrugia
The Meat Shop, Paris Street, Żebbuġ
Contact Numbers: 21463066 / 79065881